# Animazzjoni - Il-Magħmudija tal-Mulej (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum qed niċċelebraw il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej. F'din il-festa Ġesù jurina li, minkejja l-qdusija tiegħu, xorta waħda ried jitgħammed biex iwettaq b'mod sħiħ ir-rieda tal-Missier.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Il-Liturġija tal-Kelma, tagħmel enfasi fuq is-salvazzjoni. Din is-salvazzjoni seħħet permezz tal-Iben għażiż ta' Alla, li fih Hu sab il-għaxqa tiegħu. Il-popli kollha kisbu din is-salvazzjoni permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, fejn hemm dehret b'qawwa immensa l-ħniena u t-tjieba tiegħu. Il-profeta Isaija ġa minn żmien qabel kien ħabbar li l-glorja tal-Mulej għad tasal, liema glorja l-bnedmin se jarawha lkoll f'daqqa.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej!

**Offertorju:**

Kien Alla kien li offra lil Ibnu stess u mlieh bil-qawwa tiegħu. Ejjew għalhekk aħna ukoll inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti lejn l-altar.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

In-Nisrani huwa fid-dmir li jilqa' l-istedina ta' Kristu b'imħabba. Huwa dan li kull wieħed minnha jagħmel f'dan il-mument għażiż tat-tqarbin. Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.